MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 1760/1996/1

Joseph u Leah **ATTARD**

vs

Peter u Natasha konjuġi **BARTHET** f'isimhom proprju, u Property Conversions Company Limited

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Mejju, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li (i) l-imħarrkin iroddulhom lura s-somma ta' Lm 2,675 jew kull somma oħra mħallsa minnhom bħala depożitu biex l-imħarrkin iwettqu l-appalt mogħti mill-atturi liema xogħol l-imħarrkin ma temmewx; (ii) issib lill-imħarrkin responsabbli għad-danni li l-atturi ġarrbu minħabba li l-imħarrkin naqsu li jwettqu x-xogħol li kienu tqabbdu jagħmlu meta abbandunaw ix-xogħlijiet; (iii) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad Perit, id-danni li l-atturi ġarrbu meta kellhom jaħtru Periti biex ikejlu x-xogħol li laħaq sar mill-

istess imħarrkin, meta żdied il-prezz tax-xogħlijiet li kellhom jitkomplew b'ħaddieħor, meta tilfu l-użu tal-post li fih kellhom isiru x-xogħlijiet u danni oħrajn; u (iv) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu dawk id-danni. Talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża;

Rat in-Nota ta' Eċċezzjonijiet imressqa fit-18 ta' Diċembru, 1996, li biha l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-imħarrek Peter Barthet ma kienx notifikat kif trid il-liġi għaliex, fiż-żmien li saret in-notifika, hu ma kienx f'Malta. Dwar l-imħarrka Natasha Barthet, din qalet li qatt ma kienet direttriċi tal-kumpannija mħarrka, u hi personalment ma setgħet qatt titqies responsabbli għad-djun tal-komunjoni bejnha u żewġha, u dan minħabba li għal dawk id-djun kien responsabbli biss l-imħarrek żewġha Peter Barthet, u dan skond kuntratt li sar f'Mejju tal-1996. Dwar il-kumpannija mħarrka, din kienet għaddejja minn proċess ta' stralċ u l-likwidatur kien Ray Merċieca. Fil-mertu, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li huma kienu lesti jkomplu x-xogħlijiet b'nies oħrajn imqabbdin minnhom, imma l-attur m'aċċettax. Minbarra dan, jgħidu li l-partijiet kienu laħqu qbil bejniethom dwar is-somma dovuta lill-atturi, u l-bilanċ li kien fadal mis-somma miftehma hu ta' Lm 1350, liema somma l-imħarrkin għadhom lesti li jroddu lura hekk kif l-atturi jagħtuhom lura l-armar li żammew għandhom;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-30 ta' Mejju, 1997[1], li bih l-imħarrek laqa' formalment in-notifika tal-atti tal-kawża u irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Mejju, 1997[2], li bih ħatret lill-Perit arkitett Rene' Buttiġieġ bħala Perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit tekniku fil-15 ta' April, 2004[3], u minnu maħluf kif imiss fit-8 ta' April, 2005;

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Paġ. 15 tal-proċess
[3] Paġġ. 52 sa 93 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2005[4], li bih l-Avukat tal-atturi talbet li ż-żmien għat-talba tal-ħatra ta' Periti addizzjonali jibda jgħaddi minn dak inhar, billi l-partijiet baqgħu ma ngħatawx kopja tar-rapport peritali minħabba li, sadattant, il-Perit tekniku kien indispost;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta' Jannar, 2006, li bih l-Avukat tal-atturi iddikjarat li l-klijenti tagħha kienu joqogħdu fuq il-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit tekniku fir-Relazzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Frar, 2006, li bih l-Avukat tal-imħarrkin talab li jitħalla jressaq nota ta' kritika għar-rapport tekniku;

Rat in-Nota ta' Kritika mressqa mill-imħarrkin fil-21 ta' Marzu, 2006[5];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri ta' l-Avukat ta' l-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni mġarrbin minħabba nuqqas ta' twettiq ta' xogħol appaltat. L-atturi qabbdu lill-imħarrek, għall-ewwel, u lill-kumpannija mħarrka, aktar 'il quddiem, biex isir xogħol ta' tisbiħ u restawr f'post tagħhom fil-Mellieħa, imma minkejja li saru ħlasijiet, ix-xogħol ma tkompliex u l-appaltanti abbandunaw il-lant u ħallew ix-xogħol nofs leħja. L-atturi jridu li l-imħarrkin iroddu lura d-depożitu li sar u li jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrbu billi kellhom iqabbdu lil ħaddieħor biex itemm ix-xogħol u billi ma setgħux jagħmlu użu mill-post sakemm ix-xogħol kollu kien tlesta;

[4] Paġ. 192 tal-proċess
[5] Paġġ. 199 sa 201 tal-proċess

Illi, l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni b'eċċezzjonijiet kemm proċedurali u kif ukoll fil-mertu. Il-Qorti sejra tistħarreġ dawn (minbarra dik preliminari li l-imħarrek ma baqax jisħaq dwarha) meta tkun qiegħda tqis il-każ;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-atturi huma s-sidien ta' post qadim f'numru għoxrin (20) Triq il-Mitħna l-Ġdida, fil-Mellieħa. Lejn l-aħħar tal-1992, l-attur kellem lill-imħarrek biex jitolbu jagħmillu xogħol ta' tiġdid u tisbiħ f'dak il-post. Dak iż-żmien, l-imħarrek kien jaħdem għal rasu taħt ditta bl-isem "Rustic Conversions". F'Jannar tal-1993[6], l-imħarrek bagħat stima lill-attur ta' kemm kien maħsub li jiġi jiswa dak ix-xogħol. Billi l-attur ma kienx f'qagħda li jħalli li x-xogħol jinbeda minnufih, ma sarx ftehim. Sadattant, ġiet reġistrata l-kumpannija mħarrka. Fuq talba tal-attur f'April tal-1995, il-kumpannija mħarrka bagħtet l-abbozz ta' ftehim fuq prezz rivedut tax-xogħol mitlub u stmat ix-xahar ta' qabel[7]. Dak ix-xahar stess, il-kumpannija mħarrka bdiet ix-xogħol[8]. F'Mejju tal-1995[9], l-imħarrek ta stima għal xogħlijiet oħra li l-atturi talbu li jsiru b'żieda ma' dawk mitluba fil-bidu. Fis-16 ta' Mejju, 1995, il-partijiet iffirmaw il-ftehim[10]. Ix-xogħol tkompla minnufih wara. Ma sarx xogħol iżjed wara t-22 ta' Awissu. Sa dak iż-żmien, l-atturi kienu ħallsu b'kollox is-somma ta' Lm 4,062 u dan l-ammont taqbel miegħu ukoll il-kumpannija mħarrka[11];

Illi f'Awissu l-kumpannija mħarrka bagħtet lill-attur stima tal-prezz tax-xogħol li hija laħqet wettqet fil-post tal-atturi. Minn din l-istima, iddikjarat li kellha trodd lura bilanċ lill-atturi. Lejn nofs Ottubru[12] l-attur qabbad Perit biex jikkalkola kemm kien jiswa x-xogħol li kien laħaq sar. Aktar tard dak ix-xahar[13], l-imħarrka bagħtet lill-attur ħlas ta' Lm 500[14] akkont tal-bilanċ li hija kienet tgħid li kellha trodd lura lill-atturi. Fi Frar tal-1996[15], l-atturi bagħtu jitolbu

---

[6] Dok "JA5", f'paġġ. 121 – 2 tal-proċess
[7] Dok "XY1", f'paġġ. 128 – 131 tal-proċess (l-imħarrek jgħid li dak kien il-ftehim li sar bejn il-partijiet)
[8] Xhieda tal-imħarrek 23.2.1999, f'paġ. 155 tal-proċess
[9] Dok "JA6", f'paġġ. 123 – 4 tal-proċess
[10] Xhieda tal-imħarrek 2.2.1999, f'paġ. 153 tal-proċess
[11] Ara Dok "JA7", f'paġ. 126 tal-proċess
[12] Dok "JA1", f'paġġ. 114 – 5 tal-proċess
[13] Dok "PB1", f'paġ. 127 tal-proċess
[14] Dok "FLL2", f'paġ. 134 tal-proċess
[15] Dok "FLL1", f'paġ. 133 tal-proċess

l-ħlas ta’ dak li kien fadlilhom jirċievu. Fit-22 ta’ April, 1996[16], l-imħarrkin bagħtu jitolbu lill-atturi jroddulhom lura l-armar li żammew għandhom, ħalli jkunu f’qagħda li jibagħtulhom il-bilanċ li kien għad fadal. Fit-3 ta’ Mejju, 1996, l-atturi bagħtu ittra uffiċjali, għal liema l-imħarrkin wieġbu fl-10 ta’ Mejju[17]. Fl-24 ta’ Mejju, 1996, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li jeħtieġ ikunu mistħarrġa f’dan il-każ jorbtu mal-kwestjoni tan-nuqqas ta’ twettiq tal-appalt u d-danni mitluba mill-atturi. Minħabba li l-imħarrkin żammew sħiħ ukoll ma’ xi wħud mill-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom, il-Qorti sejra tistħarriġhom ukoll għaliex jistgħu jolqtu l-kwestjoni ta’ min irid jitqies responsabbli tad-danni mġarrbin mill-atturi jekk dawn jirriżultaw;

Illi l-Qorti jidhrilha li huwa xieraq tqis minnufih l-aspett dwar ir-rabta mat-twettiq tal-appalt. Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ġara li, bejn meta sar l-ewwel ftehim dwar l-appalt u meta nbeda l-istess appalt, l-imħarrek kien waqaf jikkummerċa għal rasu u fetaħ il-kumpannija tiegħu. B’dan ġie li filwaqt li l-atturi kienu qabbdu lilu fl-1992[18], sal-1995 (meta beda jitwettaq l-appalt) ix-xogħol twettaq mill-kumpannija. B’dana kollu, is-sehem tal-imħarrek f’dak li kien qiegħed isir waqt it-twettiq tax-xogħol, u iżjed u iżjed wara li dan twaqqaf, jagħtu lill-Qorti x’tifhem li ma kinetx il-kumpannija mħarrka waħedha responsabbli lejn l-atturi, imma l-imħarrkin miżżewġin Barthet ukoll. Minbarra dan, ix-xhieda mogħtija mill-attur[19] dwar iċ-ċirkostanzi ta’ min ingħata l-appalt, ma ġew kontradetti qatt mill-imħarrkin;

Illi **dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari** (jiġifieri paragrafu “b” tal-ewwel eċċezzjoni) għandu jingħad li wieħed għandu għaliex jaħseb li l-imħarrka qanqlitha bil-ħsieb li hija taqta’ lilha nnifisha minn kull xorta ta’ rabta mal-pretensjonijiet tal-atturi. L-eħfef ħaġa li messha għamlet kien li tressaq kopja tad-dokument kostitutiv tal-istess kumpannija mħarrka u b’hekk turi min tassew kien direttur

---

[16] Dok “FL3”, f’paġ. 139 tal-proċess
[17] Dok “FL4”, f’paġġ. 140 – 1 tal-proċess
[18] Xhieda tal-imħarrek 11.1.1999, f’paġ. 151 tal-proċess
[19] 16.1.1998, f’paġ. 145 tal-proċess

ta' dik il-kumpannija, u jekk tassew hija qatt kienet waħda minnhom. L-imħarrka m'għamlet xejn minn dan. Għall-kuntrarju, hemm provi dokumentali li juru li, fost id-diretturi dikjarati tal-kumpannija mħarrka, kien hemm xi ħadd bl-isem ta' "N. Barthet"[20]. Il-Qorti – fin-nuqqas ta' prova oħra tajba – tifhem li din hija riferenza għall-imsemmija mħarrka Natasha Barthet, mart l-imħarrek l-ieħor. L-istess imħarrka, umbagħad, fix-xhieda tagħha[21] tgħid li, meta saħħet żewġha wasslitu biex jerfa' mill-ħdima li kien qiegħed jagħmel, ħadet it-tmexxija tal-kumpannija f'idejha, l-aktar biex tagħlaq ix-xogħlijiet mibdija biex ikun jista' jinbeda l-proċess tax-xoljiment tal-kumpannija;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u sa' fejn jistgħu jkunu rilevanti għall-każ tal-lum, din l-eċċezzjoni m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi **dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari** l-imħarrkin iressqu l-każ li l-kumpannija mħarrka tinsab fi stat ta' likwidazzjoni. Dan il-fatt m'huwiex kontestat, u ngħataw raġunijiet għaliex id-diretturi waslu għad-deċiżjoni li jxolju l-kumpannija b'mod volontarju. Huma jsemmu wkoll min huwa l-istralċjarju li qiegħed jieħu ħsieb dan il-proċess. Il-Qorti tqis li kumpannija li tkun għaddejja minn proċess ta' stralċ tibqa' tgawdi l-personalita' ġuridika tagħha xorta waħda u l-eżistenza tagħha ma tintemmx għar-raġuni li jkun qiegħed isir dak il-proċess. Huwa minnu li, f'każ bħal dan, ir-rappreżentanza tagħha normalment tkun vestita fil-likwidatur jew stralċjarju li jkun, imma l-kumpannija żżomm l-identita' tagħha u l-ġudizzju ma jiġix nieqes b'daqshekk. Minbarra dan, issemma wkoll min-naħa tal-imħarrkin li l-kumpannija ma ġietx xolta sewwasew biex tistenna x'se' jkun l-eżitu ta' din il-kawża;

Illi għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u sa' fejn jistgħu jkunu rilevanti għall-każ tal-lum, lanqas din l-eċċezzjoni m'hija sejra tintlaqa';

Illi **dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari** (paragrafu "ċ" tal-ewwel eċċezzjoni), l-imħarrka trid li hija tinħeles minn

[20] Ara, per eżempju, Dokti "JA6" u "JA7", f'paġġ. 123, 125 u 126 tal-proċess
[21] 25.6.2002, f'paġġ. 177 – 8 tal-proċess

kull rabta li biha jkollha tagħmel xi ħlas lura lill-atturi ta' dak li jista' jkun lilhom dovut. Hija tistrieħ fuq l-argument li żewġha tgħabba bil-piż li jħallas id-djun tal-komunjoni u titlob li tinħeles milli toqgħod fil-ġudizzju dwar it-talbiet tal-atturi. L-imħarrka tirreferi għal xi  kuntratt pubbliku li tgħid li sar f'Mejju tal-1996;

Illi l-Qorti tibda biex tinnota li qatt ma tressqet kopja tal-kuntratt li għalih l-imħarrka tirreferi. Dan minkejja li, skond il-Lista mehmuża man-Nota ta' Eċċezzjonijiet, kellu jkun hemm tliet (3) dokumenti mressqa. Mit-timbru magħmul dak inhar li nħalfet id-Dikjarazzjoni, jidher li l-ebda dokument ma tressaq ma' dik in-Nota. Tul iż-żmien  kollu li kienet qiegħda tinstema' l-kawża, dan il-kuntratt baqa' ma tressaq qatt. Fin-nuqqas ta' prova daqshekk meħtieġa, l-eċċezzjoni ma tistax titqies ippruvata kif imiss u mistħoqqa. Ma' dan jiżdied il-fatt li jekk inhu minnu li sar il-kuntratt imsemmi, dan kien fi żmien wara li nbdiet il-kawża. Wieħed jistenna li, jekk tassew sar xi kuntratt bħal dak bejn żewġ persuni miżżewġa, dan ma kienx jolqot rabtiet (u djun) li kienu nħolqu qabel dak inhar, u, f'kull każ, dak il-kuntratt qajla seta' jintuża kontra terzi persuni (kredituri tal-istess miżżewġin) li ma kinux parti f'dak il-ftehim. Fuq kollox, meta sar il-ħlas lura ta' Lm 500 lill-atturi, dan sar b'*cheque* intestat fuq kont f'isem l-imħarrka[22] u dan irid jitqies fil-qafas tax-xhieda tagħha li, wara li żewġha kellu jwaqqaf ix-xogħol tiegħu minħabba saħħtu, kienet hi li ħadet it-tmexxija tan-negozju tagħhom f'idejha. L-istess jista' jingħad dwar l-ittra uffiċjali[23] mibgħuta mill-imħarrkin fil-kwalita' tagħhom personali wkoll, li fiha jistqarru li għad fadlilhom iroddu flus lill-atturi. Stqarrija bħal din tmur għal kollox kontra min iqis li mhuwiex il-leġittimu kontradittur ta' xi pretensjoni ta' ħaddieħor;

Illi għal dawn ir-raġunijiet ukoll, din l-eċċezzjoni mhix sejra tintlaqa';

[22] Dok "FLL2", f'paġ. 134 tal-proċess
[23] Dok "FL4", f'paġ. 140 tal-proċess

Illi **dwar is-siwi tat-talbiet attriċi** jibda biex jingħad li l-atturi jallegaw l-inadempiment min-naħa tal-imħarrkin u għalhekk il-jedd tagħhom li jitolbu l-ħlas tad-danni;

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" ta' l-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[24]. Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kunratt li jkun;

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur ta' l-obbligazzjoni)[25]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[26] jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[27]. Din ir-regola tgħodd ukoll f'kuntratt bħal dak tal-appalt, fejn appaltant li jagħżel li jħoll il-kuntratt minħabba l-inadempiment min-naħa tal-kuntrattur, ma jġibx fuqu l-effetti tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili[28];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[29];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[30]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li

[24] Art. 1125 tal-Kap 16
[25] Art. 1127 tal-Kap 16
[26] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[27] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[28] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Terence Mirabelli vs James Schembri***
[29] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[30] Art. 1132(1) tal-Kap 16

jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[31]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[32];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[33], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq ta' l-obbligazzjoni[34]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq ta' l-obbligazzjoni[35];

Illi f'dan il-każ, l-atturi jallegaw li l-imħarrkin abbandunaw ix-xogħlijiet. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jiċħdu li huma riedu jieqfu milli jtemmu x-xogħol li kienu tqabbdu jagħmlu. Huma jgħidu li kienu l-atturi li irrifjutaw li jħalluhom itemmu x-xogħol b'nies oħrajn, u l-imħarrek jallega wkoll li l-attur ipprova jħajjar lill-ħaddiema tal-kumpannija mħarrka biex jaħdmu bi ftehim ġdid direttament miegħu. Hawn ukoll il-Qorti trid tqis sewwa iċ-ċirkostanzi li jirriżultaw mill-atti;

Illi jirriżulta li l-ewwel ftehim li kien sar fl-1992 ma kienx beda jitwettaq minnufih minħabba li l-atturi ma kinux ekonomikament komdi biex jibdew dak iż-żmein. L-imħarrek, min-naħa tiegħu, kien iħeġġeġ lill-atturi biex jibdew mill-aktar fis. Jidher ukoll li l-imħarrek kien għen lill-atturi biex jiksbu faċilita' bankarja biex il-proġett jingħata finanzjament. Kien ukoll issuġġerielhom ikellmu Perit arkitett u dawn kienu qabbduh biex jitfagħlhom l-

[31] Art. 1133 tal-Kap 16
[32] Art.1134 tal-Kap 16
[33] Art. 1135 tal-Kap 16
[34] Art. 1137 tal-Kap 16
[35] Art. 1136 tal-Kap 16

applikazzjonijiet meħtieġa[36]. Ix-xogħol kien twettaq fl-1995 u, waqt li kien għaddej ix-xogħol, kien hemm xi diffikultajiet bejn l-atturi u l-ħaddiema tal-kumpannija mħarrka, u nqalgħet ukoll iċ-ċirkostanza ta’ saħħet l-imħarrek. Jirriżulta li kienu l-atturi li temmew l-appalt, u dan baqgħu jisħqu dwaru wkoll meta l-imħarrek wera li ried ikompli x-xogħol b’ħaddiema oħrajn. L-atturi ma jmieru xejn minn dawn il-fatti. Jirriżulta wkoll li, fil-ftehim ta’ April, 1995[37], it-termini tal-ftehim, f’każ li l-atturi jaqblu, kien li jitħallas depożitu akkont ta’ tletin fil-mija (30%) tax-xogħlijiet appaltati, jitħallsu pagamenti oħrajn waqt it-twettiq tal-appalt, u li x-xogħol **jinbeda** fi żmien għaxart (10) ijiem minn dak inhar li l-attur jibgħat il-qbil tiegħu bil-miktub. Ma kien hemm ebda data sakemm kellhom **jintemmu** x-xogħlijiet appaltati. Lanqas ma tressqet xhieda minn xi parti li turi li kien hemm xi ftehim kemm kellhom idumu għaddejjin ix-xogħlijiet. Jirriżulta wkoll li x-xogħlijiet li ma temmewx l-imħarrkin, intemmu u saru minn ħaddieħor, tant li, matul iż-żmien li qiegħda tinstema’ din il-kawża jirriżulta li l-atturi daħlu joqogħdu fil-post[38];

Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi fattwali jġibu magħhom ċerti konsegwenzi. L-ewwel fosthom hi dik li l-atturi, bħalma għamlu, kellhom kull jedd fil-liġi li jagħżlu li jtemmu l-appalt x’ħin iridu[39], bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha għażla bħal din skond jekk ikun hemm raġuni tajba għal deċiżjoni bħal din jew le[40]. Il-liġi tgħid[41] li l-kuntratt jinħall hekk kif min jagħti x-xogħol jgħarraf lill-appaltatur, b’kull mod li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt. Minbarra dan, huwa ċar – għax toħroġ minn kostatazzjonijiet tekniċi li saru mill-Perit imqabbad mill-Qorti u wkoll minn waħda mill-premessi tal-atturi – li x-xogħlijiet li l-imħarrkin ma laħqux wettqu, komplewhom ħaddiema oħra maħtura mill-atturi. It-tieni konsegwenza hi li huwa magħruf li meta l-appaltant jinħall minn kuntratt ta’ appalt u jqabbad nies oħrajn biex itemmu x-xogħol bla ma jitlob lill-Qorti tagħti żmien lill-appaltatur jew li tiddikjara

---

[36] Xhieda tal-AIC David Paċe 8.11.2002, f’paġġ. 180 – 1 tal-proċess
[37] Dok “XY1”
[38] Verbal tat-tieni aċċess miżmum mill-Perit tekniku 24.4.2004, f’paġġ. 190 – 1 tal-proċess
[39] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[40] Ara artt. 1640(2)(3) tal-Kap 16
[41] Art. 1640(5) tal-Kap 16

maħlul il-kuntratt, ikun hu nnifsu li temm unilateralment il-kuntratt minn dak inhar[42]. Dan ifisser li, allura, ma jkunx jista' jingħad iżjed li l-appaltatur abbanduna l-kuntratt. It-tielet konsegwenza hi li jekk l-appaltant iqabbad nies oħrajn biex jagħmlu x-xogħlijiet li fadal qabel ma jkun sar il-kejl kif imiss tax-xogħol tal-appaltatur imwaqqaf, dan ikun ifisser li l-appaltant jitqies li jkun approva x-xogħol ta' l-ewwel appaltatur[43]. Fis-sewwa jingħad li l-atturi ma ressqu l-ebda lment ta' xogħol ħażin min-naħa ta' l-appaltaturi f'din il-kawża. Ir-raba' konsegwenza hija li, ladarba ma kien ġie miftiehem l-ebda żmien għat-twettiq tal-appalt, ma jistax jingħad li l-appaltatur ikun inadempjenti qabel ma jkun tqiegħed *in mora*[44]. L-atturi qatt ma talbu ġudizzjarjament lill-imħarrkin biex ikomplu l-appalt jew tawhom żmien biex fih itemmu x-xogħlijiet li ma kinux tlestew;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tasal għall-fehma li ma kinux l-imħarrkin li abbandunaw l-appalt, iżda kienu l-atturi li għażlu li jtemmuh u dan minkejja li l-imħarrkin urew li kienu lesti li jkomplu x-xogħol sa tmiemu. Dan jolqot sewwa t-talbiet tal-atturi dwar id-danni reklamati, għaliex fin-nuqqas ta' prova ta' l-inadempiment, tonqos il-kawżali tal-ħtija għad-danni. Dan kollu jingħad apparti għall-fatt li l-atturi ma resqu l-ebda provi dwar id-dannu reklamat minnhom kif imsemmi fil-ħames premessa taċ-Ċitazzjoni u fit-tielet talba tagħhom. Tissemma biss talba ta' ħlas ta' dritt lil Perit arkitett imqabbad mill-atturi wara li l-imħarrkin twaqqfu milli jkomplu jaħdmu, bil-ħsieb li jistma x-xogħol li kien laħaq sar. Minbarra l-fatt li dak il-Perit innifsu stqarr[45] li bosta mill-konteġġi wasal għalihom fuq dak li qallu l-attur, il-Qorti ma tifhimx għaliex l-atturi irrikorrew għal Perit ieħor meta, dwar dawn l-istess xogħlijiet, kienu qabbdu lill-Perit David Paċe, u dan xehed li kull dritt li kien dovut lejh tħallas;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li t-talbiet ta' l-atturi dwar id-danni m'humiex mistħoqqa u m'hijiex sejra tilqagħhom;

---

[42] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
[43] App. Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Beżżina et vs Joseph Attard et.***
[44] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonaventura Camilleri vs John Cuschieri***
[45] Xhieda tal-AIC Frederick Doublet 19.2.2003, f'paġġ. 182 – 3 tal-proċess

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ **l-ewwel talba attriċi**. L-atturi jisħqu li ladarba x-xogħol appaltat ma ntemmx, l-imħarrkin għandhom iroddulhom lura l-ammont li tħallsu akkont ogħla mill-prezz tax-xogħol li laħqu taw. Din it-talba hija mibnija fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1640(4) tal-Kodiċi Ċivili. L-imħarrkin ma jiċħdux li huma għandhom iroddu biċċa minn dak l-ammont li tħallsu. Kemm hu hekk, jirriżulta li, wara li twaqqaf l-appalt, l-atturi tħallsu Lm 500 akkont. Ma sarux ħlasijiet oħrajn. Dan ġara għaliex ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-ammont korrett li kellu jintradd lura, u wkoll għaliex l-imħarrkin riedu li mal-ħlas l-atturi jroddulhom lura xi tagħmir li tħalla fuq il-post meta l-imħarrkin twaqqfu milli jkomplu l-appalt. L-attur jaċċetta li żamm dawk l-affarijiet taħt idejh sakemm isir il-ħlas. Ma ġiex kontestat li dak it-tagħmir jiswa Lm 350[46] u l-partijiet jaqblu li l-atturi kienu ħallsu b'kollox Lm 4,062[47] lill-imħarrkin;

Illi l-kwestjoni bejn il-partijiet hija dwar kemm kien jiswa x-xogħol li l-imħarrkin kienu laħqu wettqu qabel twaqqaf l-appalt. L-atturi jgħidu li jistħoqqilhom jitħallsu lura Lm 2,675[48], filwaqt li l-imħarrkin jgħidu li kellhom jirrifondu Lm 1,850[49] li minnhom diġa' tħallsu akkont il-Lm 500 fuq imsemmija. Il-Perit tekniku, wara li għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq il-provi mressqa[50], wasal għall-fehma li l-prezz xieraq tax-xogħol li laħaq twettaq mill-imħarrkin kien jammonta għal Lm 1575 flimkien ma' Lm 236.25 f'Taxxa dwar Valur Miżjud. L-imħarrkin jikkontestaw din il-fehma f'Nota ta' Kritika li fiha u għar-raġunijiet hemm imsemmija jridu li din il-Qorti twarrab il-konklużjonijiet tal-Perit tekniku u toqgħod fuq l-argument tagħhom li bejn il-partijiet kien intlaħaq ftehim dwar kemm kellu jkun l-ammont li l-atturi kellhom jirċievu lura;

Illi fid-dawl tal-fatt li l-atturi jiċħdu li qatt seħħ xi qbil bejn il-partijiet dwar kemm kien jiswa x-xogħol li laħaq sar, jaqa' fuq l-imħarrkin il-piż li jippruvaw li fil-fatt kien hemm ftehim

---

[46] € 1,164.70
[47] € 9,461.91
[48] € 6,231,07
[49] € 4,309.34
[50] Paġġ. 82 – 9 tal-proċess

u, f'każ li kien hemm, fiex kien jikkonsisti. L-imħarrkin jimxu fuq l-argument li l-ftehim inħoloq u hu rifless fuq il-konteġġ li l-kumpannija mħarrka bagħtet lill-atturi f'Awissu, 1995[51]. Ma' dan huma jorbtu l-ittra li magħha ntbagħat il-ħlas akkont ta' LM 500 f'Ottubru ta' wara[52]. L-atturi ma jaċċettawx li huma marbutin b'dawn id-dokumenti. Jirriżulta wkoll li l-attur ma bagħatx lura lill-imħarrka l-ittra bil-firma tiegħu li magħha kien hemm mehmuż il-ħlas akkont. Il-kwestjoni li tqum hija jekk, ladarba huwa aċċetta l-ħlas akkont, kienx qiegħed jaċċetta wkoll il-fatti msemmija fl-ittra li magħha dak il-ħlas kien mehmuż. Għall-imħarrkin, dik l-aċċettazzjoni kienet tfisser l-aċċettazzjoni wkoll tal-bilanċ dovut. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din it-teżi ta' l-imħarrkin. Kienet tkun ħaġa oħra kieku l-ħlas li ntbagħat kien wieħed għas-saldu, iżda l-fatt li ntbagħat ħlas akkont ma jfissirx li, b'daqshekk biss, l-atturi kienu qegħdin jaċċettaw li l-bilanċ li kien għad fadal kien dak li jsemmu l-imħarrkin. Biex iseħħ ftehim, irid jintwera li jkun hemm fehma waħda bejn min suppost ftiehem: dak li huwa magħruf bħala il-*consensus in idem*. Din il-fehma ma toħroġx mill-imsemmi dokument. Għall-kuntrarju, jirriżulta mill-provi li, minn tal-anqas xahrejn qabel ma ntbagħtet l-ittra mill-imħarrka, l-attur tant ma kienx qagħad għall-konteġġ magħmul mill-kumpannija mħarrka, li wasal biex qabbad Perit ieħor biex jivverifikalu dak il-konteġġ;

Illi l-fatt li l-partijiet setgħu kienu ftehmu dwar ir-rati tax-xogħol u l-prezz ta' kull biċċa minnu ma jfissirx b'daqshekk li kien intlaħaq ftehim ukoll dwar kemm kien jiswa x-xogħol li laħaq sar bla ma ntemm l-appalt kollu. Huwa fuq dan l-aspett li l-partijiet baqgħu ma ftehmux, u kienet din il-kwestjoni ewlenija li wasslet lill-atturi jiftħu l-kawża u lill-Qorti biex taħtar Perit tekniku. Il-Qorti ma taqbilx ma' l-imħarrkin meta jgħidu li l-Perit tekniku naqas li jagħti raġunijiet fattwali dwar kif wasal għall-konklużjoni tiegħu dwar il-prezz tax-xogħol li laħaq sar. Għall-kuntrarju, il-Perit tekniku serraħ il-kalkoli tiegħu fuq id-dokument JA7 li kien imfassal u ippreżentat lill-atturi mill-kumpannija mħarrka. Qabbel dawk l-*items* ma' dak li

[51] Dok "JA7", f'paġġ. 125 – 6 tal-proċess
[52] Dok "PB1", f'paġ. 127

laħaq ra fuq il-post fiż-żewġ aċċessi li żamm, u f'każijiet oħra (bħal meta ikkonstata li sar bdil fil-mod kif ċertu xogħol kellu jsir bl-idejn u jinġarr mingħajr inġenji) qies ukoll iċ-ċirkostanzi aktar gravużi li taħthom l-appalt kellu jitwettaq;
Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit maħtur minnha huma aċċertament tekniku li bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa irraġonevoli jew kapriċċuż. Fuq kollox, jikkostitwixxu bażi probatorja li din il-Qorti – fin-nuqqas ta' provi aħjar jew dehen tekniku ogħla – tista' toqgħod fuqha biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha skond it-talba attriċi. Għalhekk, il-Qorti sejra taċċetta l-konteġġ li wasal għalih il-Perit tekniku u ma taċċettax l-argumenti ta' l-imħarrkin li tadotta bla kwestjoni l-konteġġ imressaq minnhom għall-finijiet tal-paragrafu (b) tat-**tieni eċċezzjoni tagħhom fil-mertu**;

Illi għar-rigward **tat-tielet paragrafu tat-tieni eċċezzjoni fil-mertu**, irid jingħad li l-imħarrkin ma ħallsu qatt l-ammont li huma kienu jammettu li għadu dovut lill-atturi. Ikkundizzjonaw dan il-ħlas mal-fatt li l-atturi jroddulhom lura t-tagħmir li żammew taħt idejhom bħala "rahan" biex jitħallsu l-bilanċ. L-atturi, min-naħa tagħhom, ma telqux dak it-tagħmir mill-kontroll tagħhom sakemm jirċievu l-ħlas. L-imħarrkin lanqas iddepożitaw taħt l-awtorita' tal-Qorti l-ammont li jistqarru li kien dovut minnhom, f'liema każ dwar dak l-ammont ma kinux ikunu passibbli għall-ħlas ta' l-imgħaxijiet;

Illi ladarba l-Qorti sejra tadotta l-konklużjonijiet tal-Perit tekniku, hija qiegħda tasal għall-fehma li l-atturi jridu jitħallsu lura s-somma ta' Lm 1750.75[53] mingħand l-imħarrkin solidalment bejniethom, u li jroddu lura lill-imħarrkin it-tagħmir li żammew f'idejhom meta temmew l-appalt. F'każ li l-atturi ma jistgħux jew m'humiex f'qagħda li jroddu lura dak it-tagħmir, l-imħarrkin għandhom iħallsu lura lill-atturi s-somma ta' Lm 1400.75[54];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[53] € 4,078.15
[54] € 3,262.87

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** limitatament dwar il-ħlas lura ta' somma lill-atturi rappreżentanti ħlas bil quddiem magħmul mill-atturi lill-imħarrkin f'appalt għal xogħol li baqa' ma sarx, iżda tiċħad il-bqija tat-talba għal dak li jirrigwarda r-raġuni għaliex l-appalt ma twettaqx sat-tmiem;

**Tikkundanna lill-imħarrkin solidalment bejniethom, għall-finijiet tal-ewwel talba**, biex jirrifondu lill-atturi s-somma ta' erbat elef u tmienja u sebgħin euro u ħmistax-il (euro) ċenteżmu (€ 4,078.15), iżda bil-kundizzjoni li l-atturi jitilqu minn taħt idejhom u jroddu lura lill-imħarrkin dak it-tagħmir tal-kumpannija mħarrka li l-atturi żammew taħt idejhom meta temmew l-appalt. Fin-nuqqas li l-atturi jroddu lura dak it-tagħmir, is-somma li huma għandhom jirċievu għandha tkun dik ta' tlitt elef mitejn u tnejn u sittin euro u sebgħa u tmenin (euro) ċenteżmi (€ 3,262.87). F'kull każ, għandu jgħaddi mgħax legali fuq is-somma dovuta b'seħħ mit-3 ta' Mejju, 1996, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni (paragrafu "a" tagħha)** billi l-appalt ma ntemmx mill-imħarrkin bi ħtija tagħhom imma mill-atturi, u għalhekk **tiċħad it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi**, għaliex tonqos il-kawżali tad-danni u għaliex l-atturi ma ressqu l-ebda prova fir-rigward;

Dwar l-**ispejjeż tal-kawża,** l-atturi jħallsu l-ispejjeż marbuta mat-talbiet miċħuda, u l-ispejjeż tal-ewwel talba jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------